**Minuti**

**Seduta Nru. 15/2015**

Data: L-Erbgħa 11 ta' Novembru

Ħin: 6.00pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida

---

Preżenti: Sur Matthew Mangion – *Chairperson*
Sra Deborah Galea – Viċi Chairperson
Sur Owen Patrick Attard – *Membru*
Sur Jimmy Zahra – *Membru*
Sur Manuel Galea – Membru

Sur Christopher Cutajar – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

---

Il-laqgħa bdiet fis-18:22 permezz ta' talba miċ-Chairperson.

## 1. Minuti

335 Il-Kumitat approva l-minuti tas-seduta 14/2015 kif ippreżentati. Il-Viċi-Chairperson astjeniet għall-fatt li kienet skużata fil-laqgħa ta' qabel.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

336 Dwar il-minuta 316 kien punt 42 kien mifhum mill-Kumitat. Dwar punt 40 is-Segretarju għandu jerġa' jagħti spjegazzjoni tal-kalkoli.

Is-Sindku tal-iMsida daħlet fil-kamra fis-18:38

337 B'rabta ma' minuti 300 u 283. Hemm blokka ta' appartamenti fi Triq Dijonisju Fumucelli k/m Triq Innocenz Zammit. Sabiex ikun stabbilit min se jagħmel il-bankina u x'inhija s-sitwazzjoni fir-rigward tal-asfalt. Is-Sindku tal-iMsida qalet li TM għandha tasfalta it-triq. Għandu jkun mistoqsi meta se jsiru x-xogħolijiet,

Is-Sindku tal-iMsida ħarġet mill-kamra fis-18:44

338 Dwar minuta 319 li titratta l-Art tas-Sisla. Iċ-Chairpeson saqsa lis-Sur Anthony Ellul dwar ir-reviżjoni tal-pjanti. Huwa wieġeb li malli jitlestew il-pjanti se jkun qed jgħaddihom lill-Kumitat Amministrattiv.

339 Dwar minuta 320 iċ-Chairperson qal li mal-Kunsill Lokali ta' B'Kara qiegħed isegwi l-ħtieġa ta' dawl fejn il-Knisja u t-taraġ minn Triq il-Vittmi tal-Gwerra lejn Triq il-Wied, sabiex isiru t-tiswijiet.

340 Dwar minuta 321, 304, 290. Iċ-Chairperson qal li filgħaxijiet il-kiosk qiegħed jitneħħa minn Triq it-Torri. Iċ-Chairperson qal li kull darba li qed ikun hemm pressjoni mal-MEPA dan il-kiosk jitneħħa. Ġie deċiż li perjodikament jeħtieġ li jkun hemm pressjoni dwar każi bħal dawn.

341 Dwar minuta 323. Iċ-Chairperson qal li l-paġna tal-*facebook* qed tkun segwita. Is-Sur O P Attard qal li kien hemm min saqsa dwar it-tqassim tal-borża bajda tal-iskart organiku. Is-Sur O P Attard qal li kien hemm residenti li xtaqu jkunu nfurmati meta tkun il-laqgħa biex jattendu. Iċ-Chairperson qal li jkun għaqli li l-Aġenda tittella' fuq il-paġna tal-facebook. Intqal li n-newsletter stampata ma kienetx effettiva. Ġie deċiż li l-paġna tal-*facebook* għandha tissaħħaħ mingħajr ma ssir newsletter stampata.

342 Dwar minuta 324. Ġie deċiż li jkun hemm il-laqgħa tal-lokalita' fit-tieni nofs ta' Jannar 2016.

343 Dwar minuta 326. Is-Sra D Galea qalet li se tkun qed tibgħat imejl b'siti varji fejn jintrema' l-iskart. Iċ-Chairperson semma' kif is-Segretarju tal-Kunsill Lokali ta' B'Kara infurmawh b'avviż ta' nfurzar ECF 433/08 relatat ma' sit fi Triq P Borg Olivier k/m Triq Maestro Giuseppe Busuttil.

344 Dwar minuta 327. Iċ-Chairperson qal li dwar il-*fence* tal-bandli se toħroġ sejħa pubblika. Hemm xogħol dwar madum tal-bandli li jista' jsir. Dwar il-belvedere ta' Triq Indri Grima is-Sur O P Attard saqsa jekk hemmx xi fondi li jistgħu jintużaw biex jisbieħ iktar u bħala eżempju ġab it-tisbieħ ta' Vjal il-Labour f'Ħaż-Żabbar. Ġie maqbul li f'dan l-istadju għandha tingħata l-ordni biex jibda x-xogħol. Għandu jkun esplorat biex jissebbaħ parti mill-belvedere.

345 Is-Sur J Zahra qal li l-istejġ il-ġdid li sar fi Triq is-Swatar jeħtieġ insiru nafu liema rotot se jgħaddu minn ħdejh.

346 Is-Sra D Galea qalet li l-Girl Guides għamlu ftehim mas-Saint Martin's College bil-għan li jibdew jitlaqqgħu l-guides nhar ta' Ġimgħa.

**3. Korrispondenza**

Ma ġiet diskussa ebda korrispondenza.

**4. Pjan ta' attivitajiet għall-bqija tal-2015**

347 Dwar minuta 325, intqal li l-football tournament għandu jsir fil-perjodu ta' bejn il-Milied u l-ewwel tas-sena. Is-Sra D Galea qalet li se tkun qed tfittex l-iktar data

adattata. Is-Sur J Zahra se jkun qiegħed jagħmel kuntatt bl-iskop li jikkordina dwar il-*console*.

348 Is-Sra D Galea staħarrġet dwar liema huma l-entitajiet li jistgħu jorganizzaw taħditiet pubbliċi. Se tkun qed tagħmel kuntatt dwar id-disponibilita' ta' dawn l-entitajiet biex jinbdew minn Jannar 2016. Se jsir kuntatt minn qabel ma' Saint Martin's College biex ikun żgurat li jkun hemm *premises* adekwat. Is-Sra D Galea se tibgħat it-taħditiet proposti lill-bqija tal-membri.

**5. Aġġornament**

349 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 9 ta' Diċembru fis-6pm.

Il-laqgħa ntemmet fit-19:55 hrs.

Matthew Mangion
*Chairperson*

Christopher Cutajar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Data tal-approvazzjoni: ________________________